MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 797/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Frans Micallef**

**vs**

**Ludwig Cassar**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Ludwig Cassar ta' 20 sena bin Joseph u Matilde nee' Bugeja, imwieled Pieta fis-26 ta' Novembru 1983 u li joqghod 'Amos Lodge' Triq il-Margerita, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' numru 17084M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'Tas-Sliema nhar l-14 ta' Settembru, 2003, ghall-habta tal-10.00p.m., ikkaguna ferita ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Kevin Zammit, kif gie icertifikat minn Dr A. Mangion M.D., fic-centru tas-Sahha l-Gzira;

Kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv ghall-sentenza li giet definittivament deciza, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-11 ta’ Frar, 2003;

Talli wkoll ikkommetta reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-11 ta’ Frar, 2003.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Gunju, 2004 (esebit *a folio* 13 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li fl-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2007 il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju tal-proceduri fil-konfronti ta’ Ludwig Cassar minn dawk fil-konfronti ta‘ Jack Allen Walker.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li allegatament sehhet fl-14 ta’ Settembru 2003 bejn diversi nies gewwa l-Waves Bar, f’Tower Road Tas-Sliema fejn Kevin Zammit, il-propjetarju tal-imsemmi Bar spicca sabiex sofra griehi li gew certifikati bhala ta’ natura gravi (ara certifikat mediku inserit a fol. 31 tal-process) peress li kien hemm griehi fil-wicc li kienu ser ihallu marka.

Kevin Zammit xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2009 fejn huwa spjega li fil-gurnata in

kwistjoni huwa kien qieghed fil-Waves Bar li huwa propjeta' tieghu fejn kien hemm mejda b'xi hames guvintur qed jixorbu meta f'hin minnhom dawn dehru qed jiggieldu ma xulxin u huwa mar iwaqqafhom u qalilhom li ma riedx glied fil-bar u f'dan l-istadju qala' daqqa ta' ponn f'wiccu u l-l-hames guvintur qabzu kollha fuqu u bdew jaghtuh u huwa spicca mal-art u sofra qasma f'wiccu u kellu xi griehi fl-abdomen. Huwa ma kienx f'posizzjoni li jidentifika lil hadd mill-guvintur u l-anqas ma identiifka lill-imputat odjern bhala wiehed mill-guvintur li kien involut fil-glieda. Huwa qal li ghadda hafna zmien u mhux f'posizzjoni li jaghraf lil hadd izda qal ukoll li jiftakar li fil-kors tal-investigazzjonijiet jiftakar li kienu gew individwati tnejn mill-guvintur involuti fil-glieda u ftakar li isem dawn iz-zewg guvintur kien Ludwig Cassar u Jack Allen Walker. Kevin Zammit qal li madwar sentejn wara li sehh l-incident kienu marru tnejn minn dawn il-guvintur jiskuzaw ruhhom u huwa kien hafrilhom.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Charles Mifsud (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 59 u 60 tal-process) li kien il-barman tal-Waves Bar fil-gurnata in dizamina u dan qal li jiftakar li kienet inqalghet glieda bejn diversi nies u li l-employer tieghu Kevin Zammit kien sofra xi griehi f'din il-glieda izda qal ukoll li ma kienx f'posizzjoni jidentifika lil hadd mill-persuni nvoluti fil-glieda.

L-imputat Ludwig Cassar irrilaxxja stqarrija (nseirta a fol. 20 u 21 tal-atti processwali) fejn huwa qal li fil-gurnata in dizamina kien fil-Waves Bar flimkien mat-tfajla tieghu u fil-bar kien hemm ukoll xi hbieb tieghu li kienu fuq mejda ohra meta f'hin minnhom ra lil siehbu Jack Allen Walker u habib iehor li kienu ser jibdew jitlewmu bejniethom u imbaghad intervjena ragel li ma kienx jafu u qabad lil Jack Allen Walker minn ghonqu u qallu xi haga u heddu. Ludwig Cassar jghid li huwa ntervjena billi qalgha id dan ir-ragel minn ma ghonq Walker u dan ir-ragel qabdu minn ghonqu u tah daqqa fuq gembu u Cassar jghid li huwa ghalhekk imbotta lil dan ir-ragel u dan ir-ragel rega' prova jersaq lejh u huwa ghalhekk xejjirlu daqqa ta' ponn u laqtu fuq spaltu u wara tah daqqa ta' ponn ohra u laqtu fuq

wiccu. L-imputat Ludwig Cassar jghid li bid-daqqiet li ta lil dan ir-ragel dan ta' l-ahhar ma hariglux demm.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jinghad li jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat Ludwig Cassar li kkaguna l-feriti ta' natura gravi sofferti minn Kevin Zammit. Kull ma jirrizulta mil-provi huwa li fl-14 ta' Settembru 2004 sehhet glieda bejn diversi nies fil-Waves Bar fejn spicca sabiex korra Kevin Zammit izda bl-ebda mod ma rrizulta b'certezza min kien ikkaguna dawn il-griehi. Meta dan tal-ahhar xehed f'dawn il-proceduri huwa qal li ma kienx f'posizzjoni li jidentifika lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna li kkagunalu l-griehi izda qal biss li huwa jiftakar l-ismijiet ta' zewg persuni, li indika li kienu Jack Allen Walker u Ludwig Cassar, bhala tnejn mil-guvintur li kienu nvoluti fil-glieda. Il-Qorti taqbel pjenament ma' dak sottomess mid-Difiza li fejn din sostniet li Kevin Zammit fl-ebda stadju ma identifika lill-imputat bhla l-persuna li kien ikkagunalu l-feriti. Meta wiehed iqis li fil-glieda kien hemm involuti mill-anqas hames guvintur, li dejjem skond ix-xhieda ta' Zammit, ilkoll bdew jaqbzu fuqu, wiehed zgur ma jistghax jikkonkludi li minn dak li qal Kevin Zammit jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat odjern li kkagunalu l-feriti. Il-Prosekuzzjoni ssostni li fl-istqarrija tieghu Ludwig Cassar ammetta li kien ta zewg daqqiet ta' ponn. Il-Qorti izda tirrileva li minn imkien fl-istqarrija ma jirrizulta li fil-fatt Ludwig Cassar kien qed jirreferi ghal Kevin Zammit u li dawn id-daqqiet ta' ponn inghataw lil Kevin Zammit u mhux lil xi hadd iehor involut fil-glieda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Ludwig Cassar mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------